

**Brussell, 7 ta' Diċembru 2023
(OR. en)**

16054/23

**AG 157
INST 475**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa - Proposti u miżuri speċifiċi relatati li jinsabu fir-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa: Valutazzjoni aġġornata

Id-delegazzjonijiet isibu hawnhekk nota, kif ukoll tabella fl-Addendum 1, li tipprovdi valutazzjoni tas-segwitu mogħti għall-proposti u l-miżuri speċifiċi relatati li jinsabu fir-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa¹, mid-9 ta' Mejju 2022, id-data tal-għeluq tal-Konferenza, sa Novembru 2023.

Dan id-dokument jaġġorna l-valutazzjoni teknika preliminari tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar il-proposti u l-miżuri speċifiċi relatati li jinsabu fir-rapport finali tal-Konferenza maħruġ f'Ġunju 2022², u sussegwentement aġġornat f'Novembru 2022³.

¹ id-dokument 8933/22

² Valutazzjoni teknika preliminari aġġornata tal-proposti u miżuri speċifiċi relatati li jinsabu fir-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, id-dokument 10033/22.

³ Valutazzjoni teknika preliminari aġġornata tal-proposti u miżuri speċifiċi relatati li jinsabu fir-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, id-dokument 10033/1/22 REV 1.

Segwitu

għall-proposti u miżuri speċifiċi relatati li jinsabu fir-rapport dwar

l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa⁴

I. Introduzzjoni

1. Fid-9 ta' Mejju 2022, ir-rapport dwar l-eżitu finali⁵ tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa ġie ppreżentat lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kummissjoni Ewropea, kif previst fid-Dikjarazzjoni Konġunta ffirmata f'Marzu 2021⁶. Bħala parti mid-Dikjarazzjoni Konġunta, it-tliet Presidenti qablu li jeżaminaw malajr kif jagħtu segwitu effettiv għal dan ir-rapport, kull wieħed fl-isfera ta' kompetenzi tiegħu u f'konformità mat-Trattati.
2. Dan ir-rapport finali fih 49 proposta u 326 miżura speċifika relatata, imressqa mill-Plenarja tal-Konferenza. Dawn ikopru disa' suġġetti: "Ekonomija aktar b'saħħitha, ġustizzja soċjali u impjiegi"; "Edukazzjoni, kultura, żgħażaġh u sport"; "Trasformazzjoni diġitali"; "Demokrazija Ewropea"; "Valuri u drittijiet, stat tad-dritt, sigurtà"; "Tibdil fil-klima u ambjent"; "Saħħa"; "L-UE fid-dinja"; u "Migrazzjoni".
3. Il-proposti u l-miżuri speċifiċi relatati tagħhom huma prinċipalment ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet magħmula miċ-ċittadini bħala parti mill-Panels taċ-Ċittadini Ewropej u Nazzjonali organizzati fil-qafas tal-Konferenza. Huma jibnu wkoll fuq l-ideat kondiviżi fuq il-Pjattaforma Diġitali Multilingwi tal-Konferenza - inkluż l-eżitu tal-firxa wiesgħa ta' avvenimenti u inizjattivi⁷ organizzati mill-Istati Membri fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, li laħqu ħafna eluf ta' ċittadini minn madwar l-UE - kif ukoll fuq id-dibattiti li saru fil-Plenarja tal-Konferenza.

⁴ Dan id-dokument jaġġorna l-valutazzjoni teknika preliminari tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar il-proposti u l-miżuri speċifiċi relatati li jinsabu fir-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, id-dokument 10033/1/22 REV 1.

⁵ id-dokument 8933/22

⁶ id-dokument 6796/21

⁷ Aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Istati Membri tinsab fir-rapport finali tal-Konferenza, id-dokument 8933/2022, u fit-taqsimha ddedikata għall-Panels taċ-Ċittadini Nazzjonali u l-avvenimenti nazzjonali fuq il-pjattaforma diġitali multilingwi tal-Konferenza.

4. Matul il-Konferenza, kif ukoll fl-avveniment tal-għeluq, il-Kunsill tenna l-impenn tiegħu li jiddetermina, wara d-9 ta' Mejju 2022, kif għandu jagħti segwitu għar-riżultati tal-Konferenza, f'konformita' mad-Dikjarazzjoni Konġunta.
5. Fl-10 ta' Ġunju 2022⁸, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ippubblika valutazzjoni teknika preliminari li turi, għal kull waħda mid-49 proposta u t-326 miżura li jinsabu fir-rapport finali tal-Konferenza, fejn il-proposti u l-miżuri speċifiċi relatati kienu digha qed jiġu implimentati, u fejn jistgħu jiġu indirizzati aktar mill-Istituzzjonijiet tal-UE. Din il-valutazzjoni ġiet sussegwentement aggnornata fit-30 ta' Novembru 2022⁹.
6. Kif previst fil-kalendarju tal-Konferenza, fit-2 ta' Diċembru 2022, it-tliet Istituzzjonijiet tal-UE firmatarji tad-Dikjarazzjoni Konġunta organizzaw avveniment ta' feedback għa' c-ċittadini li ppartecepaw fil-Panels ta' C-ċittadini Ewropej u għar-rappreżentanti tal-Panels ta' C-ċittadini Nazzjonali u l-avvenimenti nazzjonali biex jinfurmawhom dwar il-ħidma mwettqa mid-9 ta' Mejju 2022 biex jingħata segwitu għar-rapport finali tal-Konferenza. I-c-ċittadini ġew mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar din il-ħidma ta' segwitu u jistaqsu mistoqsijiet lil dawk ir-rappreżentanti politiċi, li wieġbu l-mistoqsijiet kollha tagħhom.
7. Sena u nofs wara l-avveniment tal-għeluq tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, dan id-dokument kif ukoll it-tabella fl-Addendum 1 jipprovdu valutazzjoni tas-segwitu mogħti għall-proposti u l-miżuri speċifiċi relatati li jinsabu fir-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza sa Novembru 2023.

II. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet meħuda biex jiġu implimentati l-proposti u l-miżuri speċifiċi relatati tar-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza.

8. Mid-9 ta' Mejju 2022, it-tliet Istituzzjonijiet ħadmu fuq is-segwitu għall-proposti tad-49 u t-326 miżura speċifika relatata inklużi fir-rapport finali tal-Konferenza, u din il-ħidma għadha għaddejja.
9. Din il-ħidma saret prinċipalment fil-qafas tal-proċeduri leġiżlattivi stabbiliti tal-UE. Fil-fatt, ħafna mill-inizjattivi ewlenin deskritti fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2023¹⁰ taw segwitu lill-proposti li saru matul il-Konferenza. Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2024¹¹ jirreferi wkoll għall-Konferenza, b'diversi inizjattivi relatati ma'

⁸ Valutazzjoni teknika preliminari aggnornata tal-proposti u miżuri speċifiċi relatati li jinsabu fir-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, id-dokument 10033/22.

⁹ Valutazzjoni teknika preliminari aggnornata tal-proposti u miżuri speċifiċi relatati li jinsabu fir-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, id-dokument 10033/1/22 REV 1.

¹⁰ id-dokument 13847/22

¹¹ id-dokument 13917/23

kwistjonijiet indirizzati fil-proposti tal-Konferenza. Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Prijoritajiet Leġiżlattivi tal-UE għall-2023 u l-2024 tipprevedi li "*ħafna proposti tal-Konferenza ġew riflessi fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2023 u aħna nimpnejaw ruħna b'mod konġunt li nagħtuhom attenzjoni mill-qrib*". Għal dan l-għan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ħadmu flimkien abbażi tal-inizjattivi tal-Kummissjoni f'għadd ta' oqsma politiċi inklużi fir-rapport finali tal-Konferenza.

10. Proposti u miżuri speċifiċi relatati oħra tal-Konferenza li jeħtieġu l-implimentazzjoni ta' ħidma mhux leġiżlattiva, tqiesu wkoll fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2023 u l-2024. Min-naħa tiegħu, il-Kunsill identifika dawk il-proposti tal-Konferenza u miżuri speċifiċi relatati fejn jista' jaġixxi waħdu, pereżempju, mingħajr proposta jew rakkomandazzjoni minn istituzzjoni jew korp ieħor tal-Unjoni (b'mod partikolari l-Kummissjoni jew ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà) u beda l-ħidma fuq dawk il-miżuri, b'mod partikolari fir-rigward ta' xi aspetti tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill¹².
11. Is-segwitu tal-Kunsill mil-lat ta' ħidma leġiżlattiva u mhux leġiżlattiva kien ibbażat b'mod partikolari fuq il-valutazzjoni teknika preliminari tal-proposti tal-Konferenza u l-miżuri speċifiċi relatati mwettqa mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill fl-10 ta' Ġunju 2022. Peress li l-valutazzjoni wriet li l-maġġoranza l-kbira tal-proposti (kważi 95 %) jistgħu jiġu implimentati fil-qafas attwali tat-Trattat, il-Kunsill indirizza dawk il-proposti bħala kwistjoni ta' prijorità, bl-għan li jipprovi tweġibiet għat-tħassib taċ-ċittadini fi żmien relattivament qasir, b'impatt pożittiv fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum permezz ta' politika konkreta.
12. Rigward l-għadd limitat ħafna ta' miżuri speċifiċi (madwar 5 %) li jkunu jeħtieġu bidla fit-Trattat sabiex jiġu implimentati bis-shiħ¹³, fit-23 ta' Novembru, il-Kunsill irċieva l-proposti tal-Parlament Ewropew għall-emendar tat-Trattati u ser jaġixxi f'konformità mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 48 TUE.

III. Kisbiet ewlenin

13. Il-valutazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-49 proposta u t-326 miżura, ipprovduta fl-Anness għal dan id-dokument, turi li, fil-preżent, il-maġġoranza l-kbira tal-proposti u l-

¹²Ara l-punti 16 u 17 iktar 'l isfel.

¹³Ara l-valutazzjoni teknika preliminari tal-proposti u l-miżuri speċifiċi relatati li jinsabu fir-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, id-dokument 10033/22, parti C. Ara wkoll fl-Anness għal dan id-dokument, fejn miżuri li jkunu jeħtieġu bidliet għat-Trattati sabiex jiġu implimentati huma indikati bil-griż.

miżuri mressqa mill-Konferenza ġew implimentati jew jinsabu fil-proċess li jiġu implimentati.

14. B'mod partikolari, il-kisbiet ewlenin li ġejjin jistgħu jiġu enfasizzati bħala illustrazzjonijiet taħt id-disa' suġġetti tal-Konferenza¹⁴:

- Dwar is-suġġett "Ekonomija aktar b'saħħha, ġustizzja soċjali u impjiegi": F'Ottubru 2022, l-UE stabbiliet regoli ġodda li jippromwovu pagi minimi statutorji adegwati fl-UE u jgħinu biex jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ġhajxien għall-impjegati fl-UE. Fl-istess xahar, ġiet adottata d-Direttiva dwar il-bilanċ bejn is-ġeneri fil-bordijiet korporattivi, biex tippromwovi rappreżentanza aktar bilanċjata bejn il-ġeneri fil-bordijiet tal-kumpaniji elenkati fl-UE kollha. Barra minn hekk, id-Direttiva li ssaħħa l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali bejn l-irġiel u n-nisa, adottata f'Mejju 2023, tistabbilixxi regoli ġodda biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni fil-pagi u tgħin biex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri fl-UE. Barra minn hekk, f'Ottubru 2023, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim proviżorju dwar it-tishiġ tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, sabiex iġibu benefiċċji tanġibbli għall-ekonomija rurali u jissalvagwardjaw il-wirt gastronomiku tal-UE madwar id-dinja.
- Dwar is-suġġett "Edukazzjoni, kultura, żgħażaġh u sport": F'April 2022, il-Kunsill approva Konklużjonijiet dwar l-isport bħala strument biex tinbidel l-imġiba favur l-iżvilupp sostenibbli, b'kont meħud, fost l-oħrajn, tal-ġeneru u l-inklużività fl-isport. Barra minn hekk, f'Ġunju 2022, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar l-apprendiment għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli li thegġegħ lill-istudenti ta' kull età jiksbu l-ġharfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet biex jgħixu b'mod aktar sostenibbli u jadottaw stili ta' ħajja aktar tajbin għas-saħħa u aktar konxji mill-ambjent. Barra minn hekk, f'Mejju 2023, il-Kunsill approva Konklużjonijiet dwar aktar passi għar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Barra minn hekk, f'Mejju 2023, il-Kunsill u l-Istati Membri adottaw Konklużjonijiet dwar id-dimensjoni soċjali ta' Ewropa sostenibbli għaż-żgħażaġh, li jappellaw biex jiġu esplorati modi biex jiżdied l-involviment taż-żgħażaġh fil-proċess politiku, u biex tiġi integrata perspettiva taż-żgħażaġh fil-politiki u l-livelli kollha ta' gvern. F'Ottubru 2023, il-Kunsill adotta Regolament dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, biex tiġi żgurata protezzjoni simili għall-ikel jew ix-xorb prodott reġjonalment.
- Dwar is-suġġett "Trasformazzjoni diġitali": F'Settembru 2022, l-UE adottat pakkett dwar is-servizzi diġitali bħala r-rispons tal-UE għall-ħtieġa li jiġi rregolat l-ispazju diġitali. L-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA) għandu l-għan li jiżgura settur diġitali kompetittiv u ġust bil-ħsieb li jiġu promossi l-innovazzjoni, prodotti u servizzi diġitali ta' kwalità għolja u

¹⁴ Din il-lista ta' kisbiet mhijiex eżawrjenti u hija maħsuba biex tippovdi illustrazzjoni mingħajr ma tippreġudika l-importanza ta' dawk il-kisbiet meta mqabbla ma' oħrajn. Lista sħiħa tal-kisbiet, miżura b'miżura, tinsab fl-Anness għal dan id-dokument.

prezzijiet aktar ġusti għall-konsumaturi. Barra minn hekk, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA), adottat f'Ottubru 2022, jiproteġi l-ispazju diġitali kontra t-tixrid ta' kontenut illegali u jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-utenti. Barra minn hekk, f'Novembru 2023, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew laħqu ftehim proviżorju dwar qafas ġdid għal identità diġitali Ewropea (eID), bil-ħsieb li tiġi żgurata identità diġitali affidabbli u sigura għall-Ewropej kollha.

- Dwar is-suġġett "Demokrazija Ewropea": F'Ġunju 2022, il-Kunsill approva Konklużjonijiet dwar il-ħarsien u s-sikurezza tal-ġurnalisti u professjonisti oħrajn tal-media. Barra minn hekk, f'Marzu 2023, il-Kunsill approva Konklużjonijiet dwar ir-rwol tal-ispazju ċiviku fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE, li jenfasizzaw ir-rwol li l-libertà ta' assoċjazzjoni għandha fl-iżgurar ta' soċjetà demokratika u pluralista u l-funzjonament tajjeb tal-ħajja pubblika. F'Novembru 2023, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew laħqu ftehim proviżorju dwar l-elementi politiċi ewlenin ta' regolament ġdid dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku, li għandu l-għan li jagħmilha faċli għaċ-ċittadini biex jirrikonoxxu r-reklami politiċi, sabiex ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jagħmlu għażliet infurmati. Barra minn hekk, abbażi tal-Panels taċ-Ċittadini Ewropej li saru fil-kuntest tal-Konferenza, il-Kummissjoni organizzat panels taċ-ċittadini dwar il-ħela tal-ikel, il-mobbiltà għat-tagħlim u d-dinjiet virtwali matul l-2023.
- Dwar is-suġġett "Valuri u drittijiet, stat tad-dritt, sigurtà": F'Lulju 2022, il-Kunsill approva Konklużjonijiet dwar il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin (FIMI), li jżidu l-impenn u l-kapaċità tal-UE li tittratta d-diżinformazzjoni. Fl-2022, inħoloq is-Sett ta' Għodod kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin (FIMI), bl-għan li tiġi żgurata l-koordinazzjoni fost ħafna għodod eżistenti fil-livell tal-UE biex tiġi miġġielda l-FIMI. Barra minn hekk, f'Settembru 2023, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew adottaw Regolament ġdid li ser isaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Eurojust, li jippermetti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-aġenziji tal-UE kollha jkollhom aċċess għall-informazzjoni l-aktar kompluta u aġġornata dwar każijiet ta' terroriżmu. Barra minn hekk, f'Ottubru 2023, il-Kunsill approva Konklużjonijiet dwar l-awtonomizzazzjoni diġitali biex jiġu protetti u infurzati d-drittijiet fundamentali fl-era diġitali.
- Dwar is-suġġett "Tibdil fil-klima u ambjent": matul il-kriżi tal-enerġija tal-2022, il-Kunsill adotta firxa ta' miżuri ta' emerġenza, fost l-oħrajn dwar il-ħżin tal-gass, dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass, dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu

indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija, u dwar is-solidarjetà fix-xiri tal-gass. Barra minn hekk, f'konformità mal-Politika Agrikola Komuni l-ġdida, li saret kompletament operattiva f'Jannar 2023, l-Istati Membri jridu jiddedikaw 25 % tal-pakketti ta' pagamenti diretti tagħhom għall-ekoskemi biex jappoġġaw lill-bdiewa li jieħdu impenji biex josservaw prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima, l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi. F'Marzu 2023, ġie adottat Regolament li jistabbilixxi standards ta' rendiment aktar stretti fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ għal karozzi u vannijiet ġodda. Barra minn hekk, f'April 2023 ġew adottati regoli ġodda dwar ir-riforma tas-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (EU ETS). L-EU ETS hija suq tal-karbonju bbażat fuq sistema ta' limitu u skambju tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-industriji intensivi fl-enerġija, is-settur tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u s-settur tal-avjazzjoni. L-emissjonijiet mit-trasport marittimu ser jiġu inklużi għall-ewwel darba, u ġiet stabbilita sistema ġdida u separata għall-bini, it-trasport bit-triq u setturi addizzjonali. Barra minn hekk, bħala parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" - sett ta' proposti biex tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni tal-UE li għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE b'mill-inqas 55 % sal-2030 - id-Direttiva l-ġdida dwar l-Enerġija Rinnovabbli, adottata f'Ottubru 2023, tipprevedi regoli biex jiżdied is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum ġenerali tal-enerġija tal-UE. Barra minn hekk, f'Novembru 2023, il-Parlament u l-Kunsill laħqu ftehim proviżorju dwar regoli ġodda għar-restawr u l-preservazzjoni tal-ħabitats degradati fl-UE, bl-għan li jiġu restawrati mill-inqas 20 % taż-żoni tal-art u tal-baħar tal-UE sal-2030, u l-ekosistemi kollha li jeħtieġu restawr sal-2050.

- Dwar is-suġġett "Saħħa": f'Ottubru 2022, il-Kunsill adotta żewġ Regolamenti, wieħed dwar theddid transfruntier serju għas-saħħa, u l-ieħor dwar qafas ta' miżuri relatati ma' kontromiżuri mediċi fil-każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika fil-livell tal-Unjoni. Flimkien maż-żewġ Regolamenti l-oħra dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard adottati fl-istess sena, dawk ir-Regolamenti għandhom l-għan li jtejbu l-kapaċitajiet tal-UE li tirrispondi għal pandemiji futuri u kriżijiet tas-saħħa transfruntieri oħra u li jsaħħu l-miżuri reattivi għad-dispożizzjoni tal-Unjoni għall-akkwist, il-produzzjoni u l-kumulazzjoni ta' riżerva ta' kontromiżuri mediċi rilevanti għall-kriżi. F'Ġunju 2023, wara s-sejħa tal-Kunsill għal inizjattiva bħal din, il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali, biex is-saħħa mentali titpoġġa fuq l-istess livell mas-saħħa fiżika u biex jiġi żgurat approċċ transsettorjali ġdid għal kwistjonijiet ta' saħħa mentali.
- Dwar is-suġġett "L-UE fid-dinja": L-UE hija attiva fix-xena internazzjonali permezz tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni. B'mod partikolari, biex tirrispondi għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-Unjoni Ewropea

hija impenjata u ser tkompli tipprovdi appoġġ finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku b'saħħtu lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha. F'dan il-kuntest, il-Kunsill impona l-11-il pakkett ta' miżuri restrittivi kontra r-Russja. Barra minn hekk, fir-rigward tat-tkabbir, il-Kunsill Ewropew ta lill-Ukrajna u lill-Moldova l-istatus ta' kandidati għall-adeżjoni mal-UE f'Ġunju 2022, u lill-Bożnija-Ħerzegovina f'Diċembru 2022. Il-Kunsill Ewropew tenna wkoll l-impenn sħiħ u inekwivoku tiegħu għall-perspettiva tas-sħubija fl-UE tal-Balkani tal-Punent. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022, appella biex titmexxa 'l quddiem il-ħidma għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Versailles, adottata mill-mexxejja tal-UE fil-11 u t-12 ta' Marzu 2022, biex tinbena bażi ekonomika aktar miftuħa u robusta, b'mod partikolari billi jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-UE fl-aktar oqsma sensittivi. F'dan il-kuntest, biex tiżdied ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista kritiċi tal-UE, f'Settembru 2023, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw regolament li jstabilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema tas-semikondutturi tal-Ewropa (magħruf ukoll bħala l-"Att dwar iċ-Ċipep"). Barra minn hekk, fit-13 ta' Novembru 2023, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim proviżorju dwar ir-Regolament dwar l-Att dwar il-Materja Prima Kritika, bl-għan li tinkiseb is-sigurtà tal-provvista tal-materja prima meħtieġa għall-industriji Ewropej, b'mod partikolari għall-industriji tat-teknoloġija nadifa.

- Dwar is-suġġett "Migrazzjoni": F'Settembru 2023, il-Kunsill qabel li jestendi l-protezzjoni temporanja tal-UE għall-persuni li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna biex il-persuni spostati mill-Ukrajna jkunu jistgħu jgawdu drittijiet armonizzati madwar l-UE, inkluż ir-residenza, l-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-akkomodazzjoni, l-assistenza medika u l-aċċess għall-edukazzjoni għat-tfal. Ir-riforma tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, pakkett ewlieni ta' leġislazzjonijiet differenti f'dan il-qasam, bħalissa qed tiġi diskussa mill-koleġislaturi, u għandha l-għan, fost l-oħrajn, li tarmonizza l-leġislazzjoni dwar l-ażil fil-livell Ewropew.

15. Minbarra l-kisbiet ewlenin enfasizzati hawn fuq, bħala parti mill-impenn tiegħu li jiżgura l-aħjar segwitu possibbli għall-Konferenza, il-Kunsill identifika u eżamina l-miżuri speċifiċi proposti mill-Konferenza fejn il-Kunsill jista' jaġixxi waħdu, jiġifieri, mingħajr proposta jew rakkomandazzjoni minn istituzzjoni jew korp ieħor tal-Unjoni. Dawn jammontaw għal 23 miżura speċifika proposta, mit-326, b'mod partikolari relatati mas-suġġetti tad-diżinformazzjoni u l-litteriżmu medjatiku taċ-ċittadini, il-komunikazzjoni lejn iċ-ċittadini u t-trasparenza, il-multilingwiżmu, l-impjeg ta' gruppi żvantaġġati, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni transfruntiera, l-edukazzjoni u l-isport. Il-ħidma fuq dawk il-miżuri għadha għaddejja fil-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill.

16. Barra minn hekk, il-Kunsill beda jaħdem fuq l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Konferenza li jappellaw għat-titjib ta' xi aspetti tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill, u b'mod partikolari għall-estensjoni tal-użu tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill. Il-maġġoranza ta' dawk il-miżuri jistgħu jiġu indirizzati permezz tal-flessibbiltajiet previsti mill-qafas attwali tat-Trattat, b'mod partikolari l-klawżoli passerelle ġenerali jew speċifiċi li jippermettu lill-Kunsill Ewropew jew lill-Kunsill jaqilbu minn votazzjoni b'unanimità għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, f'konformità mal-proċeduri stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat. Il-Kunsill qed jesplora l-possibbiltà li jintużaw xi klawżoli passerelle, u b'mod partikolari dwar oqsma speċifiċi fil-qasam ta' politika tal-Politika Eстера u ta' Sigurtà Komuni (PESK). Il-ħidma f'dan ir-rigward għadha għaddejja.
